MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 354/2007/1

**ALFRED MICALLEF**

**Vs**

**FRANS BORG**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar moghtija fil-25 ta' Ottubru 2012 fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-27 ta' April, 2007 fejn l-attur talab lit-Tribunal sabiex jordna lill-konvenut ihallas s-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin lira maltija (Lm 354) u cioe' ekwivalenti ghal tmien mija erbgha u ghoxrin Ewro u sittin centezmu (€824.60) vat inkluz rapprezentanti prezz ta' xoghol u materjal debitament ezegwit u konsinjat fuq ordni tieghu stess.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax legali.*

*Ra ukoll ir-Risposta ipprezentata fit-23 ta' Ottubru, 2008 fejn l-konvenut ikkontesta t-talba attrici stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi l-ebda ammont ma huwa dovut kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda min dan it-Tribunal bl-ispejjez kollha kontra l-attur.*

*It-Tribunal ezamina x-xhieda li ngiebet.*

*L-ewwel xhieda kienet dik tal-attur stess fejn spjega illi t-talba ghal-hlas tirraprezenta xoghol fuq opra morta u xoghol fuq gallarija, kif ukoll bdil ta' xi plakki. Dan ix-xoghol sar f'post in-Naxxar li jigi tat-tifla tal-konvenut fuq inkarigu tal-konvenut u wara qbil mal-konvenut dwar prezzijiet. L-attur qal ukoll illi kien diga ghamel diversi xogholijiet f'din id-dar u li tieghu diga thallas.*

*Xehed ukoll Michael Bugeja li kien bennej jahdem mal-attur u kien jinsab fuq il-lant tax-xoghol fid-dar in kwistjoni li kkonferma l-lista ta' xoghol li semma l-attur. Dan ix-xhud pero ma kienx jaf l-ammont ta' flus miftiehem bejn il-partijiet. Li kien izda kien li sakemm kien ghaddej ix-xoghol il-konvenut li kien ikun fuq il-post tax-xoghol diversi drabi, qatt ma lmenta dwar il-kwalita tax-xoghol jew kif kien gej ix-xoghol.*

*Wara xehed il-konvenut li spjega d-diversi xogholijiet li l-attur ghamillu fil-propjeta personali tieghu f'Birkirkara minbarra dik tat-tifla fin-Naxxar. Huwa spjega li dan ix-xoghol kien tlesta u hallas tieghu pero ricevuta qatt ma rcieva. Qal ukoll illi minbarra x-xoghol li tieghu l-attur qed jitlob il-hlas kien ghamel xoghol iehor fit-tarag ta' barra tal-post tan-Naxxar kif ukoll filata ta' quddiem il-garage. Il-konvenut spjega illi dan it-tarag gie mpingi mill-perit pero meta l-konvenut ghamlu fasslu hazin u kellu jerga jhottu. Qal ukoll illi tat-tarag l-attur kien talbu tlett mija u hamsin Lira Maltija (Lm 350) u cioe ekwivalenti ghal tmien mija u hmistax-il Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28) izda wara li t-tarag rega nqala l-attur talbu sitt mija u hamsin Lira Maltija (Lm650) u cioe' ekkwivalenti ghal elf hames mija u erbatax-il Ewro u disa' centezmi (€1,514.09) u l-konvenut jixhed illi dan accettah. Izda wara li rega tela t-tarag u gie l-perit induna li kellu targa nieqsa u kellu jerga jinhatt. Sar rinforz tal-hadid u l-attur talbu mija u hamsin Lira Maltija (Lm150) u cioe' ekkwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) ohra . Dan gie accettat u mhallas ukoll.*

*Il-konvenut qal illi wara li tlesta t-tarag u nhatt kemm il darba t-tifla tal-konvenut u r-ragel taghha bdew iqabbdu lil attur jaghmel xi xoghol iehor fid-dar. Huwa qal illi dan ix-xoghol qabduh it-tifla u r-ragel taghha izda hu xorta kien imur fuq il-post jissorvelja x-xoghol. Pero fix-xhieda tieghu a fol 38 (tmienja u tlettin) tal-process il-konvenut jghid "Jien irrid nghid illi ghalkemm t-tieni sett ta' xogholijiet tqabbdu direttament mit-tifla tieghi, l-attur kien jaf lil ghall-hlasijiet ghax il-hlas kont qed nohorgu jien."*

*Dan ix-xhud kompla jghid illi l-ammont mitlub f'din il-kawza mhux dovut ghax tat-tarag kien talbu mija u hamsin Lira Maltija (Lm150) u cioe' ekkwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) zejda u tahomlu u meta hariglu l-kont tas- sitt mija u hamsin Lira Maltija (Lm650) u cioe' ekkwivalenti ghal elf hames mija u erbatax-il Ewro u disa' centezmi (€1,514.09) minflok kien nizzel seba' mitt Lira Maltija (Lm700) u cioe' ekkwivalenti ghal elf sitt mija u tlettin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56) biex hekk kien zammlu hamsin Lira Maltija (Lm50) u cioe' ekkwivalenti ghal mija u sittax-il Ewro*

*u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izjed. Qal ukoll illi tal-lavur bejn il-hajt u l-gallerja li kien ta' spazju zewg pulzieri dan kellu jsir minhabba li ma ntuzax gebel tal-qies u talbu erbghin Lira Maltija (Lm40) u cioe' ekkwivalenti ghal disgha u tlettin Ewro u sbatax-il centezmu (€ 93.17) u xehed ukoll li fadal xi xoghol li ghadu ma sarx.*

*In kontro ezami l-konvenut jghid illi x-xoghol fil-gallarija ma sarx skond l-arti u s-sengha peress illi l-gebla riduha tonda mentri l-attur hadimha kwadra. Imbaghad qal li x-xoghol mhux ghax mhux skond l-arti u s-sengha izda mhux skond il-miftiehem.*

*Hawnhekk ix-xhud jghid illi meta hallas l-ammont ta' elf Lira Maltija (Lm1000) u cioe' ekkwivalenti ghal elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) waqaf ihallas lill-attur u l-konvenut qal "Jien dan il-bilanc nerga nghid zammejtu biex naghmel tajjeb ghal dawn l-affarijiet."*

*Dan ix-xhud fis-seduta tat-16 ta' Marzu, 2010 kien ipprezenta dokument X 1 esebit a fol 56 (sitta u hamsin) tal-process li juri tlett cekkijiet wiehed ta' tmien mija u hamsin Lira Maltija (Lm850) u cioe' ekkwivalenti ghal elf, disa' mija u disgha u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,979.97), iehor ta' hames mitt Lira Maltija (Lm500) u cioe' ekkwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u iehor ta' mitejn Lira Maltija (Lm200) u cioe' ekkwivalenti ghal erba' mija u hamsa u sittin Ewru u sebgha u tmenien centezmu (€465.87). Fix-xhieda tieghu a fol 51 (wiehed u hamsin) jispjega illi l-ammont ta' tmien mija u hamsin Lira Maltija (Lm850) u cioe' ekkwivalenti ghal elf, disa' mija u disgha u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,979.97) kienu tax-xoghol ta' Birkirkara u mhux tad-dar in kwistjoni tat-tifla fin-Naxxar.*

*Fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2010 in kontro ezami jghid illi "Jien mhux qed nikkontesta li x-xoghol sar, li qed nghid huwa li kiehm parti minnu li ma*

*sarx u parti ohra li kellu jerga jaqilghu u li l-attur qed jippretendi hlas talli qala l-istess xoghol."Qal li l-perit gieghel lil attur jaqla t-tarag darbtejn.*

*Fit-30 ta April, 2012 l-attur rega xehed u fiehem illi t-tarag tan-Naxxar minkejja li l-kawza ma kinitx fuqu qatt ma nqala li gara kien li kien gie l-perit u talab rinforz tal-hadid li filfatt ghamel. Dan il-fatt li t-tarag ma regax inhatt gie kkonfermat ukoll minn Michael Bugeja li kien jahdem mal-attur.*

*Fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2012 xehdet Janet Calleja Borg li tigi bint il-konvenut u s-sid tad-dar fin-Naxxar u qalet li ma taqbilx mad-dokument DM1 bil-kont li pprezenta missierha stess u cioe l-ammont ta' seba' mitt Lira Maltija (Lm700) u cioe' ekkwivalenti ghal elf, sitt mija u tlettin Ewro un sitta u hamsin centezmu (€ 1,630.56) tat-tarag ghaliex kienu ftehmu Lm650. u ma taqbilx mal-ammont ta' erbghin Lira Maltija (Lm40) u cioe' ekkwivalenti ghal disgha u tlettin Ewro u sbatax-il centezmu (€ 93.17) fid-dokument DM2 ghax dan huwa ammont ta' tower ladder sabiex jitranga zball li ghamel l-attur. Xehed ukoll Jeffrey Calleja li kkonferma dak li qalet martu Janet Calleja Borg.*

*It-Tribunal ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ezamina x-xhieda mghotija li filfatt regghu nstemghu quddiem dan it-Tribunal hekk presedut peress illi kien hemm xhieda li xhedu quddiem it-Tribunal diversament presedut. Din hija kawza fejn wiehed irid jisma z-zewg partijiet u jifli l-veracita tax-xhieda taghhom.*

*Dan it-Tribunal ihoss illi kien hemm konsistenza fix-xhieda tal-attur meta semma dwar xhiex qed jitlob il-hlas. Min-naha tal-konvenut dan it-Tribunal ma jhossx illi kienet konsistenti u kull ma kien qed jaghmel huwa li jipprova jgib skuzi kontra skuzi sabiex ma jhallasx ghax li ghamel l-attur.*

*Il-konvenut l-ewwel jghid illi l-attur ghamel xoghol hazin fit-tarag ta' barra. Minkejja dan jixhed illi bintu u zewgha xorta qabduh jaghmel xogholijiet ohra fid-dar. Li kieku x-xoghol ma kienx qed jogghobhom allura ma kinux iqabbduh izjed xoghol. Imbaghad qal illi x-xoghol mhux*

*hu kien ordnah imma bintu u zewgha u qal li hu xorta kien imur jissorvelja x-xoghol. Imbaghad dawwar il-fehma u qal li ghal hlas xorta kien jaf li l-attru kien jaf lilu. Fix-xhieda tieghu l-attur qal illi l-ammonti mitluba tat-tarag ta' barra li hemm qbil miz-zewg partijiet li thallas kien accettat. Allura la accettat ghaliex wara li tlesta l-ahhar xoghol jghid illi tat-tarag kien hallas izzejjed u ghalhekk ma ghandux ihallas lil attur.*

*Inoltre ma ngiebet l-ebda prova jew xhieda tà perit li jissostanza l-versjoni li kien hemm xoghol mhux skond is-sengha u l-arti jew li kellu jerga jinhatt xi xoghol.*

*Imbaghad hemm il-kwistjoni tac-cekkijiet li gew ipprezentati a fol 56 li juri ammonti ta' tmien mija u hamsin Lira Maltija (Lm850) u cioe' ekkwivalenti ghal elf, disa' mija u disgha u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,979.97), hames mitt Lira Maltija (Lm500) u cioe' ekkwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mitejn Lira Maltija (Lm200) u cioe' ekkwivalenti ghal erba' mija u hamsa u sittin Ewru u sebgha u tmenien centezmu (€465.87). Il-konvenut xehed illi t-Lm850 kienu ta' post iehor f'Birkirkara. Fix-xhied precedenti tieghu qal illi lil attur waqaf ihallsu wara li hallas elf Lira Maltija (Lm1000) u cioe' ekkwivalenti ghal elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37). Dan kollu ma jinkwadrax.*

*Dan it-Tribunal wasal illi jara li l-verzjoni u x-xhieda tal-attur kienu iktar kredibbli minn dik tal-konvenut.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attur is-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin lira maltija (Lm354) u cioe' ekwivalenti tmien mija u erbgha u ghoxrin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€824.82) ghal bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv.*

*L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut."*

Minn din is-sentenza appella l-intimat Frans Borg fit-termini tas-segwenti aggravvji:

1. Illi kien hemm ksur tal-principju tal-*audi alteram parte* kif ukoll tal-jedd ghal smiegh xieraq billi fl-ewwel lok, l-appellanti ma kellux ghad-disposizzjoni tieghu is-sentenza moghtija mit-Tribunal flimkien ma'l-atti probatorji tul it-terminu koncess lilu bil-ligi ghall-appell. Dawn id-dokumentazzjonijiet inghataw lilu biss jum qabel ma ghalaq it-terminu perentorju ghall-appell u kwindi dan ippregudika id-drittijiet tieghu li ikun jista' ihejji l-appell tieghu. Inoltre ghalkemm huwa kien talab differiment quddiem it-Tribunal sabiex iressaq il-provi tieghu, tali talba giet michuda ingustament.

2. It-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi mismugha quddiemu, tant illi hemm inkonsistenza bejn il-motivazzjonijiet tad-decizjoni u dak li xehdu ix-xhieda biex b'hekk it-Tribunal b'mod gravi mar kontra d-dettami ta'l-imparzjalita u tal-ekwita'.

Illi l-appellat ma ressaqx risposta formali izda deher ghas-smigh tal-appell u ressaq l-argumenti tieghu *viva voce* tramite id-difensur legali tieghu u preliminarjament jigi sollevat il-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors promotur billi l-appell ma jikkontjeni l-ebda talba ghajr ghat-talba sabiex is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tigi imhassra u irrevokata minghajr ma l-appellanti talab lil din il-Qorti ta' revizjoni tilqa' t-tezi sottomessa minnu fl-appell interpost u kwindi li tghaddi sabiex tichad it-talbiet attrici ghal kundanna

ghal hlas. Illi l-artikolu 226 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi illi:

“**L-appell isir b’rikors li jiġi preżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza.**”

Imbaghad l-artikolu 142 jispecifika dak li ghandu jkun fih dana r-rikors meta jinghad:

“**Ir-rikors għandu jkun fih t-talba għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta’ xi parti minnha.**”

L-artikolu 143 ikompli:

“**Ir-rikors għat-tħassir tas-sentenza għandu jkun fih riferenza għat-talba u għas-sentenza li tkun qegħda tiġi appellata flimkien ma’ ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qed isir l-appell u fih ghandu jintalab li dik it-talba tigi milqugha jew michuda.**”

Is-sub-inciz hamsa (5), imbaghad ta’ dan l-artikolu tal-ligi jiddisponi car u tond illi n-nuqqas ta’osservanza ta’ dak rikjest f’dana l-artikolu tal-ligi ma igibx mieghu in-nullita tar-rikors ta’l-appell. Il-Qorti ghalhekk ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar ma’ dak espressament imfassal f’dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi u kwindi il-pregudizzjali migjuba ‘il quddiem mill-appellat qed tigi respinta.

Sorvolat ghalhekk dana l-ostakolu procedurali, jifdal ghalhekk biex jigu ezaminati l-aggravvji imressqa mill-appellanti ghad-decizjoni tat-Tribunal. Minn qari tar-rikors promotur ghandu johrog illi l-appell huwa imsejjes fuq dak dispost fl-artikolu 8(2)(d) tal-Kapitolu 380 billi l-appellanti jilmenta illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu mar kontra d-dettami tal-imparzjalita u l-ekwita skond il-ligi tant illi gew ippredugikati il-jeddijiet tieghu. Huwa jibbaza dana l-

ilment principalment fuq tlett binarji. Fl-ewwel lok jikkontendi illi huwa ma inghatax access ghas-sentenza u l-atti probatorji matul it-terminu li fih kien qed jiddekorri l-jedd tieghu ghall-appell tant illi huwa kellu jintavola l-appell tieghu fl-ahhar jum lilu koncess skond il-ligi. Fit-tieni lok isostni illi it-Tribunal cahhadlu il-jedd illi iressaq il-provi kollha tieghu u dana meta giet michuda talba tieghu ghal differiment fl-ahhar seduta quddiem it-Tribunal u finalment jippermja dina l-lanjanza fuq l-inkonsistenza bejn il-motivazzjonijiet tad-decizjoni u ix-xhieda mismugha. Illi billi t-talba attrici hija inqas minn €1164.69, din il-Qorti hija prekluza milli tissindka l-apprezzament fattwali li ikun sar mit-Tribunal, iktar u iktar meta tali gudizzju ma ikunx esprima ebda vizjoni ta’ dritt ekwitattiv imma jkun semplicement ibbazat fuq evalwazzjoni diskrezzjonali maghmul mit-Tribunal dwar il-fatti tal-kaz.

Illi fl-ewwel ilment minnu imressaq l-appellanti jallaccja l-kuncett ta’ nuqqas ta’ parzjalita u ta’ ksur tad-dritt ekwitattiv mal-kuncett tal-principju tas-smigh xieraq. Mill-ewwel il-Qorti tosserva illi l-jedd ta’l-appellanti li ikollu access ghas-sentenza u inkartament tal-kawza sabiex ikun f’posizzjoni ihejji l-appell tieghu ma twassalx ghal xi lezjoni ta’ drittijiet matul il-process gudizzjarju. Dana ghaliex il-kawza kienet inqatghet u kwindi dina l-Qorti hija prekluza milli tinvestiga tali lezjoni li ma tolqotx l-andament tal-proceduri *in prima istanza*. Illi huwa minnu illi l-partijiet ghandhom ikollhom access ghad-decizjoni tal-Qorti minnufih u ghandhom jinghataw access ghall-inkartament tal-kawza fi kwalunkwe hin u dana sabiex ikunu jistghu ihejju id-difiza taghhom, izda din ma tolqotx il-mertu tal-azzjoni pendenti quddiem it-Tribunal izda hija kwistjoni strettament marbuta mal-amministrazzjoni tal-qorti. Tali nuqqas jista’ verament iwassal ghal ksur ta’ jedd fondamentali kif imifsser mill-appellanti izda tali ksur irid jigi indirizzat mhux f’din is-sede fi stadju ta’ appell, izda ghandha tigi indirizzata semmai f’sede ohra ta’ natura kostituzzjonali sabiex jigi mistharreg din l-allegata lezjoni. Premess dan allura din il-Qorti tistqarr illi hija prekluza

milli tistharreg dana l-ilment billi l-parametri legali li fiha hija tezercita l-awtorita taghha huma limitati u arginati bil-ligi, f'dana il-kaz bid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 380. Illi ghalhekk dana l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti imbaghad jilmenta illi huwa gie imcahhad milli iressaq il-provi tieghu meta fis-seduta tad-09 ta' Lulju 2012, it-talba tieghu ghal differiment, kif imfissra f'rikors minnu intavolat fit-28 ta' Gunju 2012 giet michuda mit-Tribunal, tant ghalhekk illi huwa ma inghatax l-opportunita illi iressaq xhieda li kienu gew ingunti ghal seduti precedent izda li ghalkemm debitament notifikati baqghu ma dehrux. Illi l-uniku xhud li debitament notifikat u li ma attendiex ghas-seduta quddiem it-Tribunal kien il-Perit Henri Portelli, li gie ingunt biex jixhed ghas-seduta tal-24 ta' Mejju 2012 permezz ta' ingunzjoni datata 22 ta' Mejju 2012, izda liema ingunzjoni giet notifikata lilu ghas-seduta tad-09 ta' Lulju 2012 fit-30 ta' Mejju 2012. Illi minn qari tal-verbal tad-09 ta' Lulju 2012 l-appellant ma deherx ghalkemm ir-rikors tieghu fejn intalab id-differiment ma kienx ghadu gie dekretat. L-appellat oppona ghal dina t-talba u it-Tribunal fid-dawl ta' tali opposizzjoni cahad it-talba ghal differiment u il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Ottubru 2012 *in difetto ostacolo*. Ma jidhirx mill-verbal ta'l-atti illi ghalkemm kien hemm xhud debitament notifikat biex jidher ghas-seduta, dana isejjah. Illi ghalkemm il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo,* l-appellanti ma ressaq l-ebda talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dana fil-perijodu ta' 'l fuq minn tlett xhur fil-mori tad-differiment biex imbaghad issa fi stadju ta' appell qed jilmenta mill-fatt illi ma inghatax l-opportunita iressaq il-provi tieghu.

Illi il-Qorti minghajr tlaqliq issostni illi ma tirravizza l-ebda ksur tal-principju tal-*audi alteram partem* jew tan-nuqqas ta' smigh xieraq u dana meta fil-perijodu ta' hames snin li damet ghaddejja din l-kawza, fejn saru mhux inqas

minn erbghin seduta quddiem erba gudikaturi differenti, intallbu diversi differimenti miz-zewg partijiet, seba' minnhom mill-appellanti. *Di piu'* kienet giet milqugha it-talba tal-appellanti sabiex iressaq l-ahhar tlett xhieda f'seduta wahda u dana b'digriet tal-11 ta' Mejju 2012, f'liema seduta xehdu biss tnejn mix-xhieda u dana billi ghal xi raguni l-ingunzjoni ta'l-ahhar xhud il-Perit Henri Portelli ma lahhqitx harrget billi ipprezentata wisq tard fit-22 ta' Mejju 2012 meta l-awtorizazzjoni sabiex jigi ingunt ix-xhud kienet inghatat ghaxart ijiem qabel. Minn dana l-kwadru tal-atti probatorji ghandu jirrizulta illi l-appellanti inghata opportunita tajba biex iressaq il-provi kollha tieghu. Kellu okkazzjoni anke sabiex jitlob it-Tribunal ma ighaddiex ghas-sentenza jekk dehrlu li kien ghad fadal xi xhieda x'jinstemghu izda baqa' inattiv. Kwindi dana l-aggravvju huwa wiehed infondat u ser jigi michud.

Illi fl-ahhar ilment tieghu l-appellanti jorbot aggravvju konness ma' apprezament hazin tal-provi ghal darb'ohra ma' nuqqas ta' parzjalita u vjolazzjoni ta' principju ta' ekwita'. Illi f'sentenza moghtija min din il-Qorti kif diversament ippresjeduta dan il-kuncett ta' ekwita li jinsab fis-sub-inciz (2)(d) gie imfisser b'dan il-mod:

***"l-kuncett ta' l-ekwita` jaspira ruhu ghar-regola ta' gudizzju li, ghalkemm mhix miktuba, tikkonsenti, b' riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b' mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fatti". Ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Paul Portelli -vs- Paula Buttigieg", Appell Inferjuri (Ghawdex), 5 ta' Lulju 2006. Gudizzju dan li jimplika valutazzjoni specifika, libera u elastika u li tikkonsenti lill-gudikatur li jiddevja mir-rigur tas-summum jus in relazzjoni ghall-elementi partikolari tal-kaz. Jikkonsegwi illi dan hu zvinkolat mill-osservanza rigoruza ta' certi normi ta' dritt u ghaldaqstant hu jista' jirrikorri ghall-principju ta' dik il-prudenza u ta' l-opportunita` li tidher hekk ekwa fil-kuxjenza tieghu ghas-soluzzjoni tal-kontestazzjoni; - Rita Bihiga vs Adrian Busuttil – App. Inf. 1/11/2006***

Maghmula dina l-kostatazzjoni u minn ezami ta'l-atti probatorji ma hemmx dubbju illi l-materja li dwarha iddelibera t-Tribunal kienet wahda essenzjalment ta' fatt u fiha innifisha ma timporta ebda gudizzju tad-dritt ekwitattiv. Illi kompla hekk il-gudizzju tal-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata:

***"Bil-konoxxenza shiha tal-fatti, gudizzju bhal dan, li fih ma gie espress ebda kuncett ta' ekwita` imma mera evalwazzjoni diskrezzjonali tal-fatti, ma huwiex sindakabbli minn din il-Qorti skond il-parametri stretti tal-Kapitolu 380 ghad-dritt ta' l-appell quddiemha. Ara "JohnAttard -vs- Charles Agius", Appell, 14 ta' Gunju 2001."***

Illi din il-Qorti kif ippresjeduta tikkondividi dan il-hsieb pjenament u dana billi l-gudizzju tat-Tribunal huwa biss apprezzament tal-provi maghmul quddiemu fejn fid-diskrezzjoni tieghu ghazel li jaghti piz iktar lill-verzjoni tal-appellat milli lil dik ta'l-appellanti. Illi din il-Qorti hija prekluza milli tissindika dik id-diskrezzjoni, anke jekk l-appellanti jallega illi tali diskrezzjoni giet ezercitata b'mod erronju, u ma jistax igebbed il-lanjanza tieghu dwar dan l-apprezzament hekk maghmul sabiex l-appell tieghu jinkwadra ruhha f'dak dispost fl-artikolu 8(2)(d) tal-Kapitolu 380. Illi ghaldaqstant lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqq akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ghandhom jitbaghtew mill-appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------